

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2022 – Ryanair vs Il-Kummissjoni (Croatia Airlines; COVID-19)

(Kawża T-111/21) ⁽¹⁾

(“Għajjnuna mill-Istat – Suq Kroat tat-trasport bl-ajru – Għajjnuna mogħtija mill-Kroazja lil kumpannija tal-ajru fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Sussidju dirett – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Rikors għal annullament – Inċidenza individwali – Ammissibbiltà – Diffikultajiet serji – Għajjnuna intiża biex tirrimedja għad-danni kkawżati minn avveniment straordinarju – Ugwaljanza fit-trattament – Libertà ta' stabbiliment – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Evalwazzjoni tad-dannu – Obbligu ta' motivazzjoni”)

(2023/C 15/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F.-C. Lapr votte, V. Blanc, S. Rating u I.-G. Metaxas-Maranghidis, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u C. Georgieva, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika tal-Kroazja (rappreżentant: G. Vidovi  Mesarek, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 8608 final tat-30 ta' Novembru 2020 dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA.55373 (2020/N) – Croatia – COVID-19: Damage compensation (ĠU 2021, C 17, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ryanair DAC għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 138, 19.4.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2022 – Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-158/21) ⁽¹⁾

(“Dritt istituzzjonali – Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej – ‘Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe’ – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta r-raġunijiet għalfejn ma jiġux adottati l-proposti ta' atti legali li jinsabu fl-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej – Obbligu ta' motivazzjoni – Ugwaljanza fit-trattament – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Żball manifest ta' evalwazzjoni”)

(2023/C 15/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Citizens' Committee of the European Citizens' Initiative “Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe” (rappreżentant: T. Hieber, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Martínez del Peral, I. Rubene, E. Stamate u D. Drambozova, aġenti)

Intervenjent insostenn tar-rikorrent: L-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér u K. Szijártó, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-kovenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: T. Papadopoulou, aġent), Ir-Repubblika Slovakka (rappreżentant: E. Drugda, aġent)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 171 final tal-14 ta' Jannar 2021 dwar l-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej "Minority SafePack – miljun firma għad-diversità fl-Ewropa".

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Citizens' Committee of the European Citizens' Initiative "Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe" għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika Ellenika, l-Ungerija u r-Repubblika Slovakka għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(¹) ĠU C 217, 7.6.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2022 – QM vs Europol

(Kawża T-164/21) (¹)

("Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Kuntratt għal żmien determinat li ma jiġġeddidx għal żmien indeterminat – Interess tas-servizz – Żball ta' liġi – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Dritt għal smiġħ – Princijju ta' amministrazzjoni tajba – Dmir ta' premura")

(2023/C 15/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: QM (rappreżentant: N. de Montigny, avukata)

Konvenut: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) tas-27 ta' Mejju 2020 li ma ġġeddidx il-kuntratt tax-xogħol tiegħu b'kuntratt għal żmien indeterminat kif ukoll, sa fejn meħtieġ, l-annullament tad-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2020 li tiċħad l-ilment tiegħu.

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) tas-27 ta' Mejju 2020 li ma ġġeddidx il-kuntratt tax-xogħol tiegħu b'kuntratt għal żmien indeterminat kif ukoll, sa fejn meħtieġ, l-annullament tad-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2020 li tiċħad l-ilment tiegħu.